MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 442/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Miller Petri (K.I. 71266A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tmien mija sitta u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€1846.16c), in konnessjoni ma’ 99534079 (AC40165797), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Jannar, 2011.

Illi s-somma ta’ elf tmien mija sitta u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€1846.16c) fuq indikata hija komposta minn elf u sebgha u disghin ewro u sittax-il centezmu (€1097.16)

dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma’ sebgha mija disgha u erbghin ewro (€749) dovuti bhala penali skont il-kuntratt.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 573/2013, u bl-imghax mit-12 ta’ Marzu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC40165797

Dok B – Kuntratt datat 12 ta’ Marzu, 2013

Dok C - Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 573/13

Dok E – Traduzzjoni tat-Talba

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-27 ta’ Mejju, 2014 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf tmien mija sitta u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€1846.16c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta’ din it-talba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------